# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 10/15/1 RGM**

**Franco Buttigieg f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' l-assenti Anna Maria sive Maronna, armla mill-Perit Victor Calleja; Alessandra mart divorzjata ta' Roderick Kirkpatrick; Maria mart l-Avukat Dr. Michael Borg Costanzi; Roberta mart legalment separata minn Meinrad Calleja; u Rachelle Buttigieg u dan skont hames prokuri hawn annessi u mmarkati F1 sa F5**

**v.**

**Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat; Direttur Ġenerali, Qrati Ċivili u Tribunali; illum C.E.O Court Services Agency; Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali; Onor. Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2016 ġie kjamat in kawża Kristofru Schembri**

**Il-Qorti:**

1. Rat illi ġew ippreżentati quddiemha żewġ appelli, wieħed tar-rikorrenti u l-ieħor tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali minn sentenza

tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta konsegwenza ta' dewmien fis-smigħ tal-kawża numru 22/1988/1 bl-ismijiet ***Rene Buttigieg pro et noe v. Cristofru Schembri*** quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba kif ukoll minħabba l-fatt li l-imsemmija kawża ġiet differita *sine die* u spiċċat deżerta għaliex parti sostanzjali mill-atti, inkluż ir-rikors promutur u r-risposta, jinsabu mitlufa u l-proċess ma setax jerġa' jiġi rikostruwit b'dan illi l-ebda sentenza ma setgħat tingħata.

2. Jirriżulta li:

**2.1.** Il-proċeduri nbdew permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2015, permezz ta' liema r-rikorrenti ppremettew li huma sidien tal-għalqa magħrufa bħala Tal-Ħamra fil-kontrada Tal-Għaqba limiti tas-Siġġiewi ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 9 itmiem liema għalqa hija mqabbla lill-Cristofru Schembri versu l-qbiela ta' Lm10 fis-sena. Peress li deherilhom li kien hemm raġunijiet validi *a tenur* tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta għall-iżgumbrament tal-gabillott mill-għalqa in kwistjoni u sabiex ma jġeddux il-kirja, ir-rikorrenti/predeċessuri tagħhom ippreżentaw il-kawża numru 22/1988/1 fl-ismijiet ***Rene***

***Buttigieg pro et noe v. Cristofru Schembri*** quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'. Jgħidu li l-imsemmija kawża tħalliet għas-sentenza għall-10 ta' Novembru 1998 iżda intilef l-ewwel volum tal-kawża bil-konsegwenza li l-Bord kien sprovvist mill-atti kollha bejn l-1988 u l-1999 u t-tentattivi kollha sabiex jinstabu jew il-proċess ikun rikostruwit kienu għalxejn. B'hekk il-Bord ħalla l-kawża *sine die* u eventwalment il-kawża marret deżerta u dan, skont ir-rikorrenti, minħabba traskuraġni tal-intimati jew min minnhom. Konsegwentement allegaw ksur tal-Artkolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss fid-dawl taż-żmien minnhom meqjus irraġonevoli li għadda mill-ftuħ tal-kawża imma wkoll fid-dawl tal-fatt li l-kawża ma tistax tkun deċiża minħabba li ntilef l-ewwel volum tal-proċess;

**2.2.** Sussegwentement, permezz ta' rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2017[1] ir-rikorrenti allegaw ukoll li minħabba l-fatti suesposti qegħdin jiġu mċaħħda mill-proprjetà tagħhom bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement talbu lil dik il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fl-atti f'dan is-sens;

[1] Fol. 185.

**2.3.** Dik it-talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ġunu 2017[2] b'dan illi saret korrezzjoni fit-talbiet li taqra:

*'1. Tiddikjara illli t-tul taż-żmien li ittieħded fil-kawża Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1 li kienet qegħda tinstema mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' u li ġiet differita sine die u sussegwentament marret deżerta, m'huwiex żmien raġenevoli li fih għandha tiġi deċiża kawża u għalhekk jikkonstitwixxi vjolazzjoni tad-Dritt għall-Smiegħ xieraq kif salvagwardjat bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentament tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti minħabba tali leżjoni.*

*"2. Tiddikjara illi t-telf tal-Volum I tal-proċess fil-kawża Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1, jikkonstitwixxi vjolazzjoni tad-Dritt għall-Smiegħ Xieraq kif protett bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġia la darba jrendi impossibbli l-ogħti tas-sentenza fl-imsemmija u konsegwentament tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti minħabba tali leżjoni.*

*"3. Tiddikjara illi minħabba l-aġir ta' l-intimati jew min minnhom u minħabba ż-żmien irraġonevoli li r-rikorrenti ġew imċaħħda mill-proprjetà tagħhom u l-godiment tagħha pendenti l-proċeduri Rene Buttigieg pro et noe vs. Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1, liema proċeduri marru sine die u sussegwentament deżerti, u minhabba li huma ma jistgħux jottjenu sentenza ta' żgumbrament in segwitu għat-telf tal-volum 1 tal-proċess, r-rikorrenti soffrew vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom għall-godiment paċifiku tal-proprjeta kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protocol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentament tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli għall-tali vjolazzjoni u għall-ħlas tal-kumpens dovut lir-rikorrenti minħabba tali vjolazzjoni;*

*"4. Konsegwentament tillikwida kumpens dovut lir-rikorrenti liema kumpens jirrapreżenta d-danni sofferti, kemm dawk id-danni ta' natura morali kif ukoll dawk ta' natura materjali, liema danni ġew ikkaġunati minħabba il-leżjoni tad-dritt għall-smiegħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll vjolazzjoni tad-dritt għall-godiment paċifiku tal-proprjetà kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Protocol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;;*

*"5. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu dak il-kumpens hekk likwidat;*

---

[2] Fol. 198 et seq.

*"6. Tipprovdi lir-rikorrenti b'rimedju xieraq u opportun għal-leżjoni minnu sofferta liema rimedju għandu jwasal għall-ogħti tas-sentenza fil-kawża Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri Rikors Nru 22/1988/1 jew kull rimedju ieħor li din il-Qorti jidrilha xieraq.*

*"Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa ingunti ghas-subizzjoni.'*

**2.4.** Permezz ta' tweġiba ppreżentata fl-20 ta' Frar 2015[3] u risposta ulterjuri ppreżentata fil-5 ta' Lulju 2017,[4] id-Direttur Ġenerali (Qrati) u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sostanzjalment wieġbu illi **in linea preliminari** m'humiex leġittimi kontraditturi u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; u **fil-mertu**, illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet: **(i)** rigward l-ewwel talba huma ma jaħtux għat-tul ta' żmien li ħadet il-kawża; **(ii)** in konnessjoni mal-ewwel talba r-rikorrenti kellhom rimedju *ai termini* tal-Artikolu 195(5) tal-Kap. 12 li għażlu ma jużawx; **(iii)** rigward it-tieni talba attriċi l-proċess intilef meta kien fil-pussess tal-Maġistrat sedenti u kwindi m'humiex responsabbli għal dak it-telfien u f'kull każ għamlu li setgħu sabiex isibu l-proċess u jirrikostruwixxu l-istess; **(iv)** rigward l-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti protetti bl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea r-rikorrenti jridu jġibu prova tal-fatti allegati nkluż tal-proprjetà; **(v)** kienu l-awturi tar-rikorrenti li volontarjament taw l-għalqa bi qbiela lill-familja tal-kjamat in kawża Kristoforu Schembri b'dan illi ma kien hemm l-ebda teħid forzuż; **(vi)** ir-

[3] Fol. 37 *et seq*.
[4] Fol. 217 *et seq*.

rikorrenti ma għandhom l-ebda garanzija li t-titolu ta' kera li għandu l-intimat Schembri kien se jiġi rexiss kieku nqatgħat il-kawża u konsegwentement il-pretensjonijiet tagħhom huma spekulattivi u neqsin min-ness ta' kawżalita; **(vii)** kienu r-rikorrenti stess li naqsu li jikkoperaw mal-Qorti fir-rikostruzzjoni tal-proċess; u **(viii)** rigward ir-raba', ħames u sitt talba ma jwiġbux huma;

**2.5.** Permezz ta' risposta ppreżentata fit-23 ta' Frar 2015[5] u risposta ulterjuri ppreżentata fl-4 ta' Lulju 2017,[6] il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u l-Avukat Ġenerali sostanzjalment wieġbu illi **in linea preliminari** m'humiex leġittimi kontradittturi u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; u, **fil-mertu**, illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet: **(i)** id-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha nkluż il-komplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet u tal-awtoritajiet rilevanti; **(ii)** meta l-Bord stieden diversi drabi lill-partijiet jassistu fir-rikostruzzjoni tal-proċess huma baqgħu inadempjenti; **(iii)** rigward l-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti protetti bl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea r-rikorrenti jridu jġibu prova tal-fatti allegati nkluż tal-proprjetà; **(iv)** kienu l-awturi tar-rikorrenti li volontarjament taw l-għalqa bi qbiela lill-familja tal-kjamat in kawża Kristoforu Schembri

[5] Fol. 39 *et seq.*
[6] Fol. 213 *et seq.*

b'dan illi ma kien hemm l-ebda teħid forzuż; **(v)** ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda garanzija li t-titolu ta' kera li għandu l-intimat Schembri kien se jiġi rexiss kieku nqatgħat il-kawża u konsegwentement il-pretensjonijiet tagħhom huma spekulattivi u neqsin min-ness ta' kawżalita; **(vi)** kienu r-rikorrenti stess li naqsu li jikkoperaw mal-Qorti fir-rikostruzzjoni tal-proċess; u **(vii)** min-naħa tagħhom ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti;

**2.6.** Il-kjamat in kawża Kristofru Schembri wieġeb permezz ta' risposta ġuramentata ppreżentata fil-25 ta' Ottubru 2016.[7]

> *'1. Illi t-talba attriċi ma setghet qatt tigi diretta kontra l-esponenti inkwantu, hu ma għandu ebda poter jinfluwixxi fuq kemm iddum kawża li tkun tqegħdet għas-sentenza, ossia r-Rikors 22/1988, jew li jista' qatt ikun responsabbli għat-telfien tal-proċess relattiv, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *"2. Illi huwa la kien responsabbli għad-dewmien tal-imsemmija kawża u anqas għall-fatt li l-proċess relattiv intilef, u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt inkwantu diretti fil-konfront tiegħu, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tar-rikorrenti.*
>
> *"3. Illi bla preġudizzju għal dawn, fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-atturi ukoll stante li r-raba' in kwistjoni kien imqabbel lil missieru Nicola Schembri, u kienu jaħdmuha miegħu ukoll hu (Kristofru) u ħutu Nicolina, Carmela, Emanuel, Zaren u Giuzeppa. Maż-żmien Carmela żżewġet (illum mietet), Emanuel mar l-Awstralja, Zaren mar l-Awstralja ukoll, u Giuzeppa saret soru: Sor Nocolezia. Imbagħad allura baqgħu jaħdmuha l-esponent (Kristofru) u Nicolina biss. Aktar tard (fl-1971) anke l-esponenti (Kristofru) mar l-Awstralja u baqgħet taħdimha Nicolina Schembri biss, u għadha tagħmel hekk sallum għall-għixien tagħha. Fi kwalunkwe każ qabel mar l-Awstralja Kristofru kiteb ir-raba' kollha li kellu fuq ismu l-Għemieri għal fuq isem oħtu Nicolina Schembri.*

[7] Fol. 88 *et seq*.

**2.7.** B'sentenza mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2020 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet:-

*'1. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-kjamat in kawża;*

*"2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni fir-risposta u l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru intimat, u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*"3. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba; tiddikjara illi t-tul ta' żmien li l-kawża nru 22/1988/1 fl-ismijiet "Rene Buttigieg pro et noe vs Cristofru Schembri" damet pendenti għas-sentenza quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba mingħajr ma ingħatat sentenza kif fuq spjegat; kif ukoll it-telfien tal-proċess tal-istess kawża jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tiddikjara lill-intimat Reġistratur u lill-intimat Avukat tal-Istat responsabbli għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti bil-mod segwenti;*

*"4. Tiddikjara illi r-responsabbilta' għal-leżjoni tad-dritt fundamentali kif fuq deciz hija in kwantu għal kwint (1/5) fuq l-intimat Reġistratur referebbli għal-leżjoni tad-dritt fundamentali b'konsegwenza għat-telfien tal-proċess u in kwantu ghal erba' kwinti (4/5) fuq l-intimat Avukat tal-Istat referibbli għall-kumplament ta' dak kollu li wassal għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti;*

*"5. Tiċħad it-tielet talba u tiddikjara li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni;*

*"6. Tilqa' r-raba talba u tillikwida d-danni morali pagabbli lir-rikorrenti fis-somma ta' għaxart elef euro (€10,000);*

*"7. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat u lill-intimat Reġistratur tal-Qrati sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu preċedenti, in kwantu għas-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) pagabbli mill-intimat Avukat tal-Istat u in kwantu għal elfejn ewro (€2,000) pagabbli mill-intimat Reġistratur tal-Qrati.*

*"Bl-ispejjeż kontra l-intimati Avukat tal-Istat u Reġistratur tal-Qrati f'erba' kwinti u fi kwint rispettivament; salv l-ispejjeż relatati mat-tielet talba tar-rikorrenti li huma a karigu tal-istess rikorrenti u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (3) tal-Kapitolu 12.'*

3. Rat illi mis-sentenza tal-ewwel Qorti appellaw kemm ir-rikorrenti (7.7.2020) kif ukoll ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (8.7.2020):

**3.1.** Ir-rikorrenti ilmentaw li:-

**i.** illi minkejja li l-ewwel Qorti sabet li l-aġir tal-intimati ikkostitwixxa ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, naqset milli tikkonsidra illi dan l-aġir jikkostitwixxi ukoll ksur tad-dritt għall-godiment liberu tal-proprjetà tagħhom;

**ii.** bil-likwidazzjoni tal-kumpens magħmul mill-Qorti tal-Prim'Istanza, għaliex allegatament ma jirrispekkjax il-fatti tal-każ;

**iii.** bil-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tagħtihom rimedju xieraq għall-fatt illi minkejja t-trapass ta' 30 sena minn meta nfetħet il-kawża, huma għadhom sal-lum il-ġurnata fl-impossibilità li jieħdu sentenza;

**3.2.** Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-provi li wassal sabiex iddikjarat li kellu parti mir-responsabbilta`. Il-proċess in kwistjoni kien u baqa' għand il-Maġistrat Apap Bologna u għalhekk l-

Avukat tal-Istat għandu jwieġeb u jagħmel tajjeb għall-kumpens li llikwidat l-ewwel Qorti;

**3.3.** B'risposta preżentata fil-15 ta' Lulju 2020 wieġbu l-Avukat tal-Istat u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u dan b'referenza għall-appell tar-rikorrenti fejn taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**3.4.** B'risposta preżentata fit-12 ta' Ottubru 2020 ir-rikorrenti wieġbu għall-appell tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**3.5.** B'risposta preżentata fl-4 ta' Novembru 2020 il-kjamat fil-kawża Kristofru Schembri wieġeb għall-appell tar-rikorrenti u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

4. Illi permezz ta<u>l-ewwel aggravju</u> r-rikorrenti jilmentaw li minkejja li l-ewwel Qorti sabet li l-aġir tal-intimati wassal għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, naqset milli tikkonsidra illi dan l-aġir jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt għall-godiment liberu tal-properjetà. Jisħqu li huma fetħu l-proċeduri quddiem il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri tar-Raba' sabiex jerġgħu jieħdu

lura l-pussess ta' ħwejjiġhom bil-għan li jerġgħu jibdew igawdu l-pussess liberu tal-proprejtà tagħhom wara li l-kjamat in kawża ssulloka l-istess lil oħtu. Jgħidu li l-fatt li l-kjamat in kawża kiser il-kondizzjonijiet tal-kirja jwassal għall-iżgumbrament tiegħu skont il-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, bil-fatt li l-proċeduri damu pendenti snin twal u finalment lanqas ma setgħu jiġu deċiżi minħabba li ntilef il-proċess, huma mhux biss ġew imċaħħda mid-dritt għal smigħ xieraq iżda ġew ukoll imċaħħda minn ħwejjiġhom bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Itennu li huma għamlu użu mill-uniku rimedju li kellhom sabiex jieħdu lura l-pussess ta' ħwejjiġhom li ċertament kien ser iħalli eżitu pożittiv u għalhekk kellhom aspettattiva leġittima illi, kieku l-proċeduri quddiem il-Bord ġew determinati fi żmien raġjonevoli, kif wieħed jistenna li tinqata' kawża sempliċi, huma kienu jgawdu l-pussess assolut tal-proprjetà in kwistjoni għal dawn l-aħħar 30 sena. Finalment jgħidu li wkoll jekk jiġi argumentat li huma ma kellhomx ċertezza li l-eżitu tal-kawża kien se jkun favorevoli, jibqa' l-fatt li huma sofrew ksur tad-drittijiet propretarji fundamentali tagħhom stante li f'każ li l-kawża ma kinitx twassal għal żgumbrament, kien ikollhom l-opportunità jesploraw alternattivi oħra sabiex jieħdu lura l-pussess ta' ħwejjiġhom, inkluż proċeduri taħt konsiderazzjonijiet ġodda jew ftehim bonarju, liema proċeduri ma ħadux għaliex kien hemm kawża pendenti li kienet waslet għas-sentenza u għalhekk kienu qed jistennew l-eżitu tagħha. Inoltre, il-proċess ma ntilifx reċentement iżda ilu snin twal

mitluf u huma saru jafu b'dan biss meta wiret il-kawża l-Maġistrat Francesco Depasquale u b'hekk il-possibilità li jerġa' jiġi rikostruwit il-proċess kien naqas konsiderevolment.

5. Il-fatti antecedenti għall-kawża ġew spjegati mill-ewwel Qorti b'dan il-mod:

> *'Fit-13 ta' Mejju 1988 ġiet intavolata azzjoni quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba ("il-Bord") sabiex jiġi żgumbrat il-gabilott mill-għalqa li tinstab ġewwa Siġġiewi magħrufa bħala Tal-Ħamri jew tal-Ħamra. Wara li ġew miġbura l-provi u saru s-sottomissjonijiet il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-10 ta' Novembru 1998. Għaddew is-snin u s-sentenza baqgħet ma ġietx mogħtija.*
>
> *"Ir-rikorrent Franco Buttigieg ħa r-riedni f'idejh wara li missieru miet f'Settembru tal-2006 u waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2013 ir-rikorrent deher għall-ewwel darba quddiem il-Bord.*
>
> *"Ġara li fl-2013 il-proċess ta' din l-azzjoni ġie mgħoddi lill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale (illum Imħallef) u waqt is-seduta tal-11 t'Ottubru 2013 ġie vverbalizzat li -*
>
> > *"Il-Bord jinnota li l-Bord precedentement presedut minn Dr. Joseph Apap Bologna fis-7 ta' Lulju, 2000 ddifferixxa l-kawza ghas-sentenza, il-Bord odjern ha konjizzjoni tal-process fit-28 ta' Frar, 2013 u meta kien ser jipproċedi biex jikteb is-sentenza irriżulta li l-atti kollha mill-1988 sal-1999 huma nieqsa."*
>
> *"Għal din ir-raġuni l-Bord kif issa kompost ma setgħax jgħaddi sabiex jagħti s-sentenza u kien għalhekk li ssollecita r-Reġistratur tal-Qrati sabiex jirrikostruwixxi l-proċess. Wara li tfittix mir-Reġistratur irriżulta fin-negattiv, il-Bord stieden lill-partijiet f'dik il-kawża sabiex jagħmlu ħilithom u jippreżentaw l-atti li huma kellhom sabiex il-proċess jiġi rikostruwit. Għalkemm ir-rikorrent ippreżenta xi dokumenti, dawk ma kinux biżżejjed sabiex il-Bord ikun jista' jagħti s-sentenza għaliex baqa' sprovvist mir-rikors promotur u r-risposta għall-istess u għalhekk fit-23 ta' April 2014 il-Bord iddiferixxa l-kawża Sine Die. Ir-rikorrent fit-8 ta' Mejju 2014 ippreżenta nota spjegattiva ta' kif ġraw l-affarijiet u għal din in-nota l-Bord fid-9 ta' Mejju 2014 ordna "lir-rikorrent sabiex l-ewwel u qabel kollox jippreżenta kopja tar-rikors promotur u tar-risposta" filwaqt li ġie rilevat ukoll li "it-terminu ta' deżerzjoni għandu jibqa' jiddekorri." In segwitu għal dan id-digriet, mill-atti jidher li ma ġie ppreżentat l-ebda dokument ieħor, kien għalhekk li fit-22 t'Ottubru 2014 l-azzjoni ġiet deżerta.'*

6. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kienu s-segwenti:

*'Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi s-segwenti:*

*"..........*

*"L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li l-ebda proprjetà ta' kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u lanqas jista' jiġi miksub b'mod obbligatorju xi interess fi jew dritt fuq proprjetà. Teħid obbligatorju ta' proprjetà jew ta' interessi fiha jista' jsir biss fejn hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li tagħti jedd ta' aċċess lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjetà hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. L-Artikolu 37 ma japplikax f'għadd ta' ċirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu.*

***"L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni imbagħad jipprovdi li***

*"................*

*"L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokolll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabbilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat.*

*"Il-Qorti tqis li minn dak li intqal mir-rikorrenti fir-rikors promotur l-għan tal-azzjoni li ġiet intavolata quddiem il-Bord kien sabiex jiġi żgumbrat il-gabilott mir-raba proprjetà tar-rikorrenti u dan ai termini tal-Kapitolu 199. Din il-Qorti fehmet ukoll li l-kjamat in kawża Cristofru Schembri kien jaħdem ir-raba mertu tal-azzjoni quddiem il-Bord bi qbil mas-sidien tal-istess raba. L-istat u r-Reġistratur tal-Qorti huma estranji għal dan il-ftehim, u għal dak li ġara sussegwentement bejn ir-rikorrenti u l-kjamat in kawża.*

*"Inoltre, l-ispeditezza tal-proċeduri ġudizzjarji inizjati mir-rikorrenti ma setgħux jiggarantixxu, bla ebda dubbju, it-tgawdija tar-rikorrenti tar-raba kontestata, peress li din it-tgawdija o meno neċċessarjament tiddependi fuq il-mod kif il-Bord jiddisponi mill-mertu, independentement minn kemm idumu il-proċeduri. Inoltre, ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lir-rikorrenti milli jintavolaw ukoll proċeduri ex novo. L-**Artiklu 963(6) tal-Kapitolu 12** jiddisponi li "Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-Qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni"*

*"Din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Mintoff vs. Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 2/2003) tas-7 ta' Lulju 2004 irriteniet li*

> *"Ghall-kompletezza jinghad li il-fatt li proceduri precedenti, wkoll ta' natura Kostituzzjonali, gew kancellati min din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2001, u ma saretx talba ghar-reappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistghux iressqu proceduri ex novo. L-effett ta' kawza kancellata mhux reappuntata huwa l-istess bhal meta kawza titqies dezerta skont l-artikolu 965 tal-Kap 12, u, a tenur ta' l-artikolu 963(6) ta' l-istess Kap 12, "Bid-dezerzjoni ta' kawza fil-Qorti ta' l-ewwel grad il-procediment jispicca, <u>izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni</u>". Huwa biss il-gudikant li zzomm it-trattazzjoni ta' kawza determinata f'gudizzju separat, izda d-dezerzzjoni, salv ir-responsabilita' ghall-ispejjez, ma zzommx lill-istess parti li fethet l-ewwel kawza li tiftah proceduri godda fuq l-istess meritu."*

*"Isegwi għalhekk illi ma kien hemm xejn u ma hemm xejn li jżomm lir-rikorrenti milli jipproponu kawża ġdida quddiem il-Bord u għalhekk xejn mhu minnu li huma ġew imċaħħda mill-proprjetà tagħhom meta l-kawża quddiem il-Bord intavolata fl-1988 ġiet dikjarata deżerta.*

*"Għalhekk il-Qorti tqis illi d-dritt fundamentali għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tar-rikorrenti ma ġiex leż bil-fatt li l-kawża marret deżerta u ma gietx deċiża'*.

7. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, l-ispeditezza tal-proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' ma setgħux jiggarantixxu b'ċertezza li r-rikorrenti kienu ser joħorġu rebbieħa fil-kawża. Dawk il-proċeduri kienu kontestati u l-eżitu kien jiddependi fuq diversi fatturi, fosthom: (i) it-talbiet tar-rikorrenti; (ii) l-eċċezzjonijiet tal-intimat; u (ii) l-provi li tressaq kull parti.

8. Il-proċess 22/88 fl-ismijiet ***Buttigieg Rene pro et noe v. Schembri Cristofru*** fih biss atti mis-26 ta' Mejju 1999 'il quddiem, ħafna minnhom verbali li minn darba għall-oħra jgħidu li l-kawża qiegħda tiġi differita għas-sentenza. Kien hemm żmien ukoll meta l-Bord kien qiegħed jiġi infurmat li kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet sabiex jipprovaw jagħmlu transazzjoni. Wara li l-proċess għadda għand Maġistrat ieħor u fil-11 ta' Ottubru 2013 ordna lir-Reġistratur jirrikostruwixxi l-istess, ġew preżentati biss:[8] (i) rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu l-Bord jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jixhed l-intimat, liema rikors kien diġa` in atti; (ii) xhieda ta' Agricultural Officer fid-dipartiment tal-Għammieri mogħtija fl-udjenza ta' Marzu 1999; (iii) xhieda ta' Nicolina Schembri mogħtija fl-udjenza tad-19 ta' April 1991; (iv) xhieda tar-rikorrent Gaston Buttigieg mogħtija fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 1989; (v) id-denunzja tas-suċċessjoni tal-Perit Rene Buttigieg; (vi) kopja ta' ċedoli ta' depożitu li permezz tagħhom l-intimat iddepożita fil-Qorti l-kera għall-art in kwistjoni; u (vii) pjanta. Il-kopji tar-rikors promutur u t-tweġiba tal-intimat baqgħu ma ġewx ippreżentati u kien għalhekk illi l-Bord halla l-kawża *sine die.* Lanqas ma tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Bord kopja tal-verbali tas-seduti li saru qabel dik tas-26 ta' Mejju 1999.

[8] Fol. 70 *et seq*.

9. Ir-rikorrenti baqgħu ma ppreżentawx kopja tar-rikors li bih inbdew il-proċeduri fil-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba', u lanqas kopja tat-tweġiba li suppost ippreżenta l-intimat. Madankollu r-rikorrenti taw lir-Reġistratur id-dokumenti li ssemmew hawn fuq.

10. Mill-atti jirriżulta li wara li l-kawża kienet differita *sine die*, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (8.5.2014) fejn spjegaw dak li kien ġara u fl-aħħar qalu:

> *"Illi fil-fehma tar-Rikorrenti ikun xieraq li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu ukoll jiftaħ inkjesta biex tiġi indagata r-raġuni u r-responsabbilta' għaliex il-proċess kollu ġie mitluf, u dan għax dan in-nuqqas amministrattiv fil-fehma tar-rikorrenti, mhux biss iġib nuqqas ta' rispett lejn dan l-Onorabbli Bord imma qiegħed joħloq inġustizzja u danni ulterjuri lir-rikorrenti"*.

11. L-għada ta' dik in-nota l-Bord ta' digriet li biha ordna li r-rikorrenti jippreżentaw kopja tar-rikors promotur u t-tweġiba. Dan minkejja li fl-imsemmija nota r-rikorrenti għamluha ċara li ma kellhomx kopja tar-rikors promotur u *"….. kopja tad-dokumenti li huwa għandu fil-pussess tiegħu ġia ġew preżentati quddiem il-Bord….."*.

12. Hu minnu li wara dak id-digriet (9 ta' Mejju 2014) ma jirriżultax li r-rikorrenti għamlu rikors fejn talbu lill-Bord sabiex jerġa' jappunta l-kawża għas-smigħ. Madankollu fin-nota tat-8 ta' Mejju 2014 qalu li, *"…. jeħtieġ illi dan l-Onorabbli Bord jerġa' jqiegħed il-kawża fuq il-lista u jgħaddi sabiex jagħti sentenza fuq l-informazzjoni li huwa għandu quddiemu, u*

*jekk ikun il-każ, fuq l-informazzjoni li tista' tingħatalu mill-avukati hawn fuq imsemmija"*.

13. F'kull każ din il-Qorti ma tistax issib ksur tad-dritt tar-rikorrenti għall-godiment liberu tal-proprjetà tagħhom abbażi ta' dak li mhi xejn ħlief spekulazzjoni dwar x'kien ser ikun l-eżitu tal-kawża.

14. Rilevanti wkoll hu li fl-udjenza **tas-7 ta' Lulju 2000** il-kawża ġiet differita għas-sentenza. Madanakollu, sussegwentement ir-rikorrenti talbu lill-Bord sabiex jagħtihom permess li jħarrku lill-intimat sabiex jagħmlulu domandi. Madankollu mill-atti ma jirriżultax li sar dak l-eżerċizzju u l-kawża baqgħet tkun differita għas-sentenza għal snin twal. Lanqas ma jirriżulta li fil-mori ta' dawk id-differimenti kollha r-rikorrenti qatt ppreżentaw xi rikors sabiex jilmentaw mal-Bord li kienet għadha ma ngħatatx sentenza. Inoltre, wara d-dħul fis-seħħ tal-Att VII tal-2007, ir-rikorrenti lanqas ma ppreżentaw rikors *a tenur* tal-Artikolu 195(5) tal-Kap 12 sabiex il-każ in kwistjoni jiġi assenjat lil-ġudikant ieħor. Verament li dan ma jiġġustifikax lill-Qorti li damet dawk is-snin kollha, u fil-fatt dwar dan m'hemmx appell, iżda dik il-vjolazzjoni ma twassalx għall-konsegwenza awtomatika ta' ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif allegat u pretiż minnhom.

15. Ir-rikorrenti għandhom raġun jilmentaw li l-proċess ma ntilifx reċentement. Iżda t-trapass ta' snin waħdu ma jwassalx għall-ksur tad-dritt għat-tgawdija libera tal-proprjetà tagħhom ġialadarba m'hemmx garanzija li l-kawża kienet ser tinqata' favur tagħhom.

16. Dan l-aggravju hu miċħud.

17. Permezz tat-tieni aggravju r-rikorrenti appellanti jilmentaw dwar il-kumpens li llikwidat l-ewwel Qorti. Jallegaw li s-somma ta' €10,000 ma jirrispekjawx il-fatti tal-każ:-

**i.** il-Qorti naqset milli tqis illi matul iż-żmien li għadda sakemm il-kawża marret deżerta, il-valur tal-proprjetà niżel b'mod drastiku b'dan illi llum l-art in kwistjoni tiswa €600,000 inqas milli kienet tiswa fis-sena 1998;

**ii.** ġiet kalkolata minn meta miet il-perit Rene Buttigieg u l-atti ġew leġittimati f'isem l-eredi tiegħu. Madanakollu:

**ii.i** Rene Buttigieg kellu biss terz tal-art li ddevolva fuq ir-rikorrenti appellanti Franco Buttigieg, Alessandra Kirkpatrick u Maria Borg Costanzi. Iż-żewġ terzi l-oħra kienu jappartjenu in kwantu terz lil Maronna Calleja u terz ieħor lil Gaston Buttigieg li għadda lil

Rachelle Butigieg u Roberta Calleja. Għalhekk il-mewt ta' Rene Buttigieg ma kelliex tittieħed bħala *cut off date*;

**ii.ii** il-kumpens ġie mogħti għal terz (sehem Rene Buttigieg) biss;

**ii.iii** ukoll fir-rigward tal-werrieta tal-Perit Buttigieg, il-ksur ta' dritt fundamentali seħħ qabel il-mewt u min daħal floku hu werriet tiegħu.

18. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar il-kumpens kienu s-segwenti:

> *'Fir-rigward tal-kumpens għal-leżjoni tad-dritt fundamentali l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 71/2010JRM) deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 t'April 2015 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016:*
>
> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni], jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ [K. Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-restitutio in integrum tal-jeddijiet tagħha [Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet **John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et**]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża" [Kost. 3.2.2009 fil-kawża fl-ismijiet **Gasan***

***Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar****].*

*"Din il-Qorti tqis li fil-każ odjern ma tistax tordna l-għoti tas-sentenza mill-Bord stante li l-atti kollha (salv għal verbali mill-1999) ġew mitlufa u bl-ebda mod m'huwa possibbli li tiġi ppronunzjata sentenza f'dawk il-proċeduri llum deżerti.*

*"Il-Qorti tirrileva wkoll illi r-rikorrenti fil-kawża odjerna jistgħu jitolbu kumpens għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom u mhux tal-predeċessur tagħhom id-defunt Perit Buttigieg. Għalhekk il-Qorti qed tqis li d-dritt fundamentali tal-partijiet għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli beda jiġi miksur mill-jum li fih saret it-trasfuzzjoni tal-ġudizzju fisihom u ċioe' mill-15 ta' Dicembru 2006.*

*"Din il-Qorti tqis illi apparti d-dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar leżjoni ta' dritt fundamentali, għandha wkoll tagħti kumpens fil-forma ta' danni morali. Tillikwida d-danni morali sofferti mir-rikorrenti, meħud ukoll in konsiderazzjoni illi hawn non si tratta biss ta' dewmien sabiex ingħatat is-sentenza iżda huwa każ partikolarment eċċezzjonali peress illi addirittura s-sentenza ma setgħatx tingħata f'dawk il-proċeduri; fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) ...'*

19. Il-kumpens pekunjarju li jippretendu r-rikorrenti hu biss spekulattiv. Il-Qorti tosserva kif:

**(i)** ma kien hemm l-ebda ċertezza li r-rikorrenti ser jirbħu l-kawża; u

**(ii)** tant inqas ma kellhomx garanzija illi Nicolina Schembri, li lanqas biss kienet parti f'dawk il-proċeduri, kienet ser tiżgombra mill-art in kwistjoni f'każ li l-proċeduri quddiem il-Bord kontra ħuha Kristofru Schembri kellhom jiġu deċiżi kontra tiegħu.

20. Dan apparti l-fatt illi r-rikorrenti m'għamlux wisq sabiex isir xi ħaġa matul is-snin li l-kawża kienet qiegħda ripetutament tiġi differita għas-

sentenza. Verament li fl-aħħar mill-aħħar kienet ir-responsabbiltà tal-Bord li jagħti s-sentenza iżda dan ma jfissirx li l-partijiet m'għandhomx iħarsu l-interessi tagħhom. Madankollu, il-Qorti ma tistax tonqos milli ssemmi kif:

i. 10 snin wara li kienet ippreżentata l-kawża, ir-rikorrenti għamlu talba sabiex iħarrku lill-intimat bħala xhud sabiex imbagħad spiċċaw ma ressquhx sabiex jixhed. Lanqas biss ma kienu qegħdin jidhru għas-seduti;

ii. Ma jirriżultax li r-rikorrenti ħadu passi fl-1999 meta kien evidenti li l-proċess ma kienx fih l-atti tal-għaxar snin ta' qabel;

21. Quddiem il-Bord fis-26 ta' Mejju 1989 Gaston Buttigieg xehed li '*xi żmien ilu, u nikkalkula minn disa' sa tnax-il xahar ilu, aħna konna ġejna avviċinati sabiex din l-għalqa in kwistjoni nbiegħuha sabiex tintuża bħala barrier'*. F'dawn il-proċeduri Maronna Calleja tgħid imbagħad li '*darba minnhom hija Rene kien kellem lir-raġel tiegħi u qallu illi kien hemm persuna interessata li tixtri l-art u kienet lesta toffri Lm40,000.'*[9] Iżda r-raġel tagħha kien kellem lil ħuħ li kien Perit u ppretendew li tiswa ħafna aktar u ċioé Lm400,000 mhux is-somma ta' Lm40,000 offruta lilhom.

[9] Fol. 49.

22. Mhux il-każ għalhekk li dik l-art ma nbiegħatx lill-persuna li wriet interess li tixtriha minħabba d-dewmien fil-kawża. Ma jirriżultax li r-rikorrenti kellhom xi akkwirent ieħor serjament interessat fl-art in kwistjoni li kien qiegħed jistenna l-eżitu ta' dawk il-proċeduri biex jixtriha u tant inqas ma jirriżulta li qatt kien hemm akkwirent dispost iħallas il-prezz skont l-istima li għamel il-Perit Nicholas Bianchi inkarigat *ex parte* mir-rikorrenti.

23. Din il-parti tal-aggravju tirriżulta għalhekk infondata.

24. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet fattwalment żbaljati fil-kalkolu tal-kumpens. Fl-ewwel lok, jargumentaw illi Rene Buttigieg kellu biss terz tal-art li ddevolva fuq ir-rikorrenti appellanti Franco Buttigieg, Alessandra Kirkpatrick u Maria Borg Costanzi. Iż-żewġ terzi l-oħra kienu jappartjenu in kwantu terz lil **Maronna Calleja** u terz ieħor lil **Gaston Buttigieg**. Mal-mewt ta' Gaston Buttigieg, is-sehem tiegħu għadda lil Rachelle Butigieg u Roberta Calleja. Għalhekk isostnu li l-mewt ta' Rene Buttigieg ma kellhiex tittieħed bħala *cut off date*;

25. Hawnhekk l-appellanti għandhom raġun. Issir referenza għall-affidavit ta' Maronna Calleja a fol. 49 kif ukoll l-affidavit tan-Nutar Dottor Mario Bugeja a fol. 67 et seq u d-dokumenti eżebiti a fol. 110 *et seq* minn

fejn jirriżulta li l-proprjetarji tal-art *de quo* huma effettivament dawk indikati fil-paragrafu preċedenti. A fol. 70, in-nutar Mario Bugeja jagħti riassunt tal-provenjenza tat-titolu tar-rikorrenti tal-imsemmija art u a fol. 72 jikkonkludi li l-proprjetà in kwistjoni llum tappartjeni lir-rikorrenti fil-kwoti segwenti:

i. Alessandra Kirkpatrick – sehem indiviż ta' 11.111%;

ii. Franco Buttiġieġ - sehem indiviż ta' 11.111%;

iii. Maria Borg Costanzi - sehem indiviż ta' 11.111%;

iv. Roberta Calleja - sehem indiviż ta' 16.666%;

v. Rachelle Buttigieg - sehem indiviż ta' 16.666%;

vi. Anna Maria Anna Maria sive Maronna Calleja - sehem indiviż ta' 33.333%.

26. It-terz ta' Rene Buttigieg għadda fuq uliedu wara li miet fis-7 ta' Settembru 2006. A fol. 33 tal-proċess quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' effettivament jinsab rikors ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2006 minn martu Anna Buttigieg, u wliedu Alessandra Kirkpatrick, Maria

Borg Costanzi u Franco Buttigieg għat-trasfużjoni tal-atti f'isimhom minflok missierhom Rene Buttigieg li kien miet fil-mori. Mill-kumplament tal-atti disponibbli tal-proċeduri quddiem il-Bord, ma jirriżultax jekk saritx il-leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt ta' Gaston Buttigieg fit-2 ta' Settembru 1990. Pero` hu fatt li l-atti ta' qabel is-seduta tas-26 ta' Mejju 1999 baqgħu qatt ma nstabu u mhux magħruf kemm kienu ilhom mitlufin.

27. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li l-kumpens ġie mogħti għal terz (sehem Rene Buttigieg) biss u li f'kull każ, fir-rigward tal-werrieta tal-Perit Buttigieg, il-leżjoni ta' dritt kellha tiġi kkalkulata minn qabel ma saret it-trasfużjoni f'isimhom in kwantu bħala eredi tiegħu wirtu d-drittijiet kollha li huwa kellu.

28. Fl-affidavit tagħha Maronna Calleja tikkonferma li '*jiena flimkien ma ħuti konna ftaħna kawża quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-kiri tar-raba sabiex aħna niżgombraw lill-gabilott mill-għalqa. Din il-kawża ftahniha fl-1988.'*[10] Fatt mhux kontestat.

29. Għalkemm huwa minnu li fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel Qorti ssemmi lil Rene Buttigieg, din il-Qorti ma fehmitx li l-kumpens likwidat kien jirreferi biss għat-terz ta' Rene Buttigieg. Il-Qorti fehmet li

[10] Fol. 49.

f'dik il-parti tas-sentenza issemma Rene Buttigieg peress li l-kawża saret f'ismu u bħala mandatarju tas-sidien l-oħra.

30. Dwar minn meta għandu jitqies il-ksur tad-dritt fundamentali, m'hemmx dubju li fil-każ ta' Maronna Calleja waħda mir-rikorrenti quddiem il-Bord u hija wkoll rikorrenti f'dawn il-proċeduri, il-kumpens għandu jgħodd għall-perjodu sħiħ li matulu jirriżulta ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

31. Fir-rigward tar-rikorrenti l-oħra huma għandhom raġun jgħidu li meta wirtu l-ġenituri rispettivi tagħhom, ċioe` l-perit Rene Buttigieg u Gaston Buttigieg, huma wirtu wkoll id-dritt li kellu l-awtur tagħhom għal kumpens talli nkisru d-drittijiet tiegħu. Għalhekk, ukoll fil-każ tagħhom il-kumpens għall-ksur għandu jgħodd għall-perjodu sħiħ li matulu jirriżulta ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u mhux minn meta saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isimhom.

32. Il-proċeduri quddiem il-Bord bdew fl-1988. M'hemmx prova meta ġew appuntati għas-smigħ. L-ewwel seduta li tidher reġistrata fl-estratt mis-sistema kompjuterizzata tal-Qorti (esebit mar-rikors promutur bħala **Dok A**), hija fit-8 ta' Marzu 1991.[11] Pero` l-verbali fil-proċess tal-kawża 22/1998 jibdew mis-26 ta' Mejju 1999. Mir-rikors ppreżentat mir-rikorrenti

[11] Fol. 15.

fil-5 ta' Lulju 1999 jidher li dak iż-żmien il-kawża kienet diġa` differita għas-sentenza. Madankollu r-rikorrenti ngħataw l-opportunita` li jħarrku lill-intimat bħala xhud.[12] Dan ma sarx. Mis-seduta tat-22 ta' Novembru 2002 'il quddiem il-kawża baqgħet tiġi ripetutament differita għas-sentenza.

33. Il-Qorti tosserva wkoll li mhux magħruf meta r-rikorrenti kienu għalqu l-provi tagħhom u x'kienet ir-raġuni li minn fuq il-kawża kienu diġa` għaddew għaxar snin mid-data tal-preżentata sal-ewwel verbal li hemm fil-proċess tal-Bord.

34. Fl-2013 inbidel il-Maġistrat li kien jippresjedi l-Bord, u fil-11 ta' Ottubru 2013 ġibed l-attenzjoni tar-Reġistratur li l-atti kollha mill-1988 sal-1999 huma nieqsa.[13] Il-każ mar *sine die* fit-23 ta' April, 2014[14] wara li kull tentattiv sabiex tiġi rintraċċjata jew rikostruwita l-ewwel parti tal-proċess fallew. Bejn l-1988 u l-2013 għaddew inutilment 25 sena fejn mhux biss l-ebda sentenza ma ngħatat iżda saħansitra ntilfu l-atti kollha mid-data tal-preżentata tal-kawża sa qabel is-seduta tas-26 ta' Mejju 1999.

35. Fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' *in parte* dan l-aggravju u tvarja s-sentenza tal-Prim'Istanza billi tillikwida d-danni

[12] Fol. 12 tal-proċess tal-Bord.
[13] Fol. 65 tal-proċess tal-Bord.
[14] Fol. 105 tal-proċess tal-Bord.

pagabbli lir-rikorrenti fis-somma ta' għoxrin elf euro (€20,000) minflok l-għaxart elef euro (€10,000) likwidati mill-ewwel Qorti.

36. Permezz tat-tielet aggravju r-rikorrenti appellanti jilmentaw bil-fatt li l-l-ewwel Qorti naqset milli tagħtihom rimedju xieraq għall-fatt illi minkejja t-trapass ta' 30 sena minn meta nfetħet il-kawża, huma għadhom sallum il-ġurnata fl-impossibilità li jieħdu sentenza. Jibqa' l-fatt li fit-23 ta' April 2014 il-kawża kienet *sine die* u eventwalment marret deżerta. Għal dik is-seduta ħadd mill-partijiet ma kien attenda.

37. Ir-rikorrenti jsostnu li għalkemm huwa minnu li r-rikors u r-risposta quddiem il-Bord m'humiex disponibbli, mill-provi jirriżulta illi l-kawża kienet tikkonċerna talba għall-iżgumbrament ta' Kristofru Schembri mill-art in kwisjoni stante li kien ċeda l-qbiela in kwistjoni lil oħtu u li '*t-talba kienet mistħoqqa'* b'dan illi l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha, skont il-fehma tagħhom, tagħti deċiżjoni hi minflok il-Bord bis-saħħa tal-poteri li jagħtiha l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Jgħidu li f'kull każ, il-kumpens mogħti mill-ewwel Qorti huwa wisq miżeru għat-telfien tal-proċess u dewmien ta' oltre 30 sena. Dwar il-kumpens din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet li diġa` saru fir-rigward tat-tieni aggravju.

38. Skont il-Kap. 199 hu l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' li għandu s-setgħa li jiddetermina tali kwistjoni. Wieħed ma jridx jinsa wkoll

li kawża kostituzzjonali hi ndirizzata kontra l-Istat u fiha ma jiġux determinati kwistjonijiet ta' natura ċivili. Għalhekk, ir-rimedju mogħti m'għandux ikun dak li jiddetermina kwistjonijiet ta' natura ċivili bejn partijiet privati.

39. Hu veru li wara li fis-seduta tat-23 ta' April 2014 il-kawża ġiet differita *sine die* għaliex il-proċess baqa' mhux rikostruwit, u kull m'għamlu r-rikorrenti kienu li fit-8 ta' Mejju 2014 ippreżentaw nota. Imbagħad l-għada l-Bord ta d-digriet fejn ordna lir-rikorrenti, *"…. Sabiex l-ewwel u qabel kollox jippreżenta(w) kopja tar-rikors promotur u tar-risposta filwaqt illi jirrileva illi t-terminu ta' deżerzjoni jibqa' jiddekorri"*. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

i. Fin-nota tar-rikorrenti ġie ddikjarat ċar u tond li ma kellhomx kopja tar-rikors promotur u lanqas ta' dokumenti oħra. Għalhekk id-digriet tad-9 ta' Mejju 2014 li bih il-Bord ordna lir-rikorrenti sabiex jippreżentaw kopja tar-rikors promotur u risposta kien għal xejn.

ii. Hu veru li r-rikorrenti ma ppreżentawx rikors sabiex il-kawża terġa' tiġi appuntata għas-smigħ. Madankollu mid-digriet tad-9 ta' Mejju 2014 jidher li l-Bord ma kienx propens li jappunta l-kawża mill-ġdid għas-smigħ mingħajr ir-rikors promotur u r-risposta ta' Schembri. Pero` fin-nota tat-8 ta' Mejju 2014 ir-rikorrenti għamlu ċara li ma kellhomx kopja

tar-rikors promotur u *"….. kopja tad-dokumenti li huwa għandu fil-pussess tiegħu ġia' ġew preżentati quddiem il-Bord…."*. Saħansitra fin-nota talbu lill-Bord *"… jerġa' jqiegħed il-kawża fuq il-lista u jgħaddi sabiex jagħti sentenza fuq l-informazzjoni li huwa għandu quddiemu, u jekk ikun il-każ, fuq l-informazzjoni li tingħatalu mill-avukati hawn fuq imsemmija"*.

40. Meta tqis li r-rikorrenti ma kellhomx ħtija fit-telfien ta' parti mill-proċess, li r-Reġistratur naqas milli għallinqas ipoġġi a dispożizzjoni tal-Bord kopja tal-verbali kollha ta' kull seduta li saret, u li fin-nota tat-8 ta' Mejju 2014 ir-rikorrenti għamluha ċara li ma kellhomx kopja tar-rikors promotur u d-dokumenti li kellhom kollha ippreżentawhom, id-digriet mogħti mill-Bord fid-9 ta' Mejju 2014 ma kienx floku. Wieħed ma jridx jinsa li l-kawża kienet ilha għallinqas żgur sa mis-seduta tas-7 ta' Lulju 2020 tiġi differita għas-sentenza, u l-Bord qatt ma ta raġuni waħda għalfejn dawk id-differimenti kollha. Dan m'huwiex il-mod kif tiġi amministrata l-ġustizzja. Fil-fatt kien biss wara li l-kawża bdiet tinstema' minn Maġistrat ieħor (28 ta' Frar 2013) li eventwalment sar magħruf li parti mill-proċess kien intilef. Fil-fatt kien matul dak iż-żmien li r-rikorrenti ppreżentaw nota b'dokumenti u kopja ta' traskrizzjoni ta' deposizzjoni ta' Alfred Farrugia (uffiċjal tal-Għammieri), Nicolina Schembri (oħt l-intimat Kristofru Schembri), u r-rikorrent Gaston Buttigieg.

41. Meta tqis dak kollu li ngħad hawn fuq, bid-digriet tad-9 ta' Mejju 2014 il-Bord kompla jippreġudika l-pożizzjoni tar-rikorrenti bla bżonn, meta kien evidenti li kienu l-vittmi tal-ineffiċjenza ta' ħaddieħor. F'dak l-istadju l-Bord kellu jerġa' jappunta l-kawża għas-smigħ u jkun pro-attiv.

42. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju tar-rikorrenti hu ġustifikat u għalhekk m'huwiex biżżejjed li jingħata biss kumpens. Hu veru li wara li l-kawża marret deżerta ma kien hemm xejn li jżomm lir-rikorrenti milli jippreżentaw kawża ġdida u jagħmlu referenza għal ftit provi li hemm fl-atti tal-kawża 22/1988 li huma aċċessibbli, iktar u iktar meta hu magħruf li l-ispejjeż ġudizzjarji fir-rigward ta' proċeduri fil-Bord m'humiex għoljin. Madankollu, ir-rikorrenti kienu vittmi ta' ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq u hemm lok li jingħataw rimedju fis-sens li l-kawża 22/1988 terġa' tiġi appuntata. Wara kollox idealment il-vittma għandu jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien qabel.

43. Wieħed jista' jargumenta li fl-assenza ta' rikors promotur u risposta, dan m'huwiex possibbli. Pero` dan m'huwiex minnu għaliex hu magħruf li:

i. Il-pretensjoni tar-rikorrenti hi li Kristofru Schembri kien għadda l-għalqa lil ħaddieħor. Fir-rikors promotur għall-kawża tal-lum ir-rikorrenti spjegaw li kienu ġustifikati li ma jġeddux il-kirja lil Kristofru

Schembri għaliex *"…. kien emigra lejn l-Awstralja, u kien issulloka l-għalqa proprjeta` tal-esponenti lil Nikolina Schembri, li għadha sal-lum il-ġurnata fil-pussess tal-għalqa in kwistjoni"*.

ii. Min-naħa l-oħra Kristofru Schembri jikkontesta li kien hemm sullokazzjoni u jsostni li l-għalqa kienet imqabbla lil missieru, Nicola Schembri, u meta miet il-qbiela għaddiet fuq uliedu fosthom Nicolina Schembri (fol. 466).[15]

**<u>L-appell tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.</u>**

44. Appella wkoll ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti allegatament għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-provi meta sabitu responsabbli *in parte*. Jisħaq li l-proċess in kwistjoni kien u baqa' għand il-Maġistrat Apap Bologna u għalhekk għandu jwieġeb biss għall-allegat ksur l-Avukat tal-Istat.

45. L-ewwel Qorti qalet li '*ma tressqux biżżejjed provi dwar jekk 'il-volum numru 1 intilifx meta kien għand il-Maġistrat qabel ġie nieqes jew inkellha meta l-proċess kien il-Qorti.'* Konsegwentement iddeċidiet li:

> *'ir-responsabbilita' tal-intimat Reġistratur hija ta' kwint (1/5) filwaqt li dik tal-intimat Avukat tal-Istat hija ta' erba' kwinti (4/5). Għaldaqsant qed tiddeċiedi illi l-ammont ta' danni morali hawn likwidat huwa pagabbli*

[15] Tweġiba ta' Kristofru Schembri għar-rikors tal-appell.

*inkwantu għal tmint elef ewro (€8,000) mill-intimat Avukat tal-Istat u in kwantu għal-elfejn ewro (€2,000) mill-intimat Reġistratur tal-Qrati.*

46. Ir-Reġistratur jipponta subgħajh lejn il-Maġistrat li kien jippresjedi l-Bord. Argumenta li:-

*"2(iv) …… l-proċess intilef waqt li kien fil-pussess effettiv tal-Maġistrat sedenti u mhux fil-pussess tal-eċċipjenti li kwindi ma jistgħux jiġu tenuti responsabbli għall-istess telfien tal-proċess".*[16]

47. Meta xehed ir-Reġistratur Emanuel Sciriha[17] spjega dwar il-*movements* tal-proċess skont is-sistema tal-Qorti[18] minn fejn jirriżulta li l-proċess intbagħat lill-Maġistrat Apap Bologna fl-1 ta' Settembru 2003. X'għamel bih il-Maġistrat mhux magħruf. L-*entry* ta' wara hi datata 19 ta' Novembru 2013 fejn jingħad li l-file qiegħed fis-sigrieta. Ix-xhud spjega li min-naħa tal-uffiċċju kienu tkellmu wkoll mal-mara tal-Maġistrat Apap Bologna *".... pero` fittxet hi d-dar u fl-uffiċċju tiegħu u ma sabet xejn"*.

48. L-aħħar seduta li fiha kien ippresjeda l-Maġistrat Apap Bologna fil-kawża in kwistjoni kienet fil-15 ta' Jannar 2013. Wara dakinhar il-Bord kien presjedut minn Maġistrat ieħor u l-kawża kienet qiegħda tiġi differita għas-sentenza. Dan sakemm fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013 il-Bord osserva li l-proċess kellu nieqsa l-atti mill-1988 sal-1999. Imbagħad b'nota preżentata fil-21 ta' Novembru 2013 ir-Reġistratur għarraf lill-Bord

[16] Tweġiba għar-rikors promotur.
[17] Fol. 224.
[18] Fol. 232.

li l-atti neqsin ma kinux instabu. Żied li għalkemm *"…. saret tfittixija eżawrjenti s-sottofirmat ser ikompli jfittex dawn l-atti"*.

49. Il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-atti neqsin kienu baqgħu għand il-Maġistrat Apap Bologna. Fil-fehma tal-Qorti m'hemmx provi ċari li jistgħu jwasslu għal dik il-konklużjoni. Il-Qorti żżid li:-

i. Mhemmx prova li r-Reġistratur ikkomunika direttament mal-Maġistrat irtirat Apap Bologna, u dan minkejja li r-Reġistratur kien infurmat l-parti mill-atti kienu neqsin sa minn qabel miet il-Maġistrat. Mill-atti hu evidenti li kien biss wara l-mewt tiegħu li sar kuntatt mal-familja Apap Bologna.

ii. M'hemmx prova li r-Reġistratur ġabar kopja tal-verbali li jirreferu għall-perjodu ta' qabel is-26 ta' Mejju 1999. Tagħrif li fil-parti l-kbira tiegħu jeżisti kif jirrizulta mill-*print outs* li hemm fil-proċess a fol. 6 sa 15. F'dak id-dokument hemm id-dati meta saru s-seduta sa mit-8 ta' Marzu 1991 u minn fejn jirriżulta li l-aħħar seduta li fiha kellhom jinstemgħu provi kienet dik tal-25 ta' Marzu 1997, filwaqt li fis-seduta ta' wara (14 ta' Ottubru 1997) kellha ssir trattazzjoni. Pero` verbali ma ġewx preżentati, u minn hemm wieħed kien ikun jaf f'liema data nstemgħu xhieda. Dik kienet ir-responsabbilta` tar-Reġistratur.

iii. Ir-Reġistratur addotta atteġġament passiv u stenna sakemm xi parti fil-kawża tippreżenta kopja ta' atti li kienu neqsin. Hu minnu li skond l-Artikolu 560(3) tal-Kap. 12 il-partijiet f'kawża għandhom obbligu li jgħinu lir-reġistratur sabiex jikkompila kopja tad-dokumenti tal-qorti jew kull dokument ieħor li jkun intilef. Pero` r-Reġistratur m'għandux joqgħod jistenna li l-partijiet jagħtuh kopja tal-atti kollha. Wieħed irid jiftakar li l-verbali oriġinali ta' seduti u *recordings* ta' xhieda jinżammu mir-Reġistratur. Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ kien hemm iktar xi jsir min-naħa tar-Reġistratur sabiex kopja tal-proċess terġa' tinġabar mill-bidunett tal-kawża.

iv. Il-proċess li hu disponibbli, li jibda b'verbal tas-26 ta' Mejju 1999, jibda mill-paġna numru '1'. Il-verbali li fih minn dakinhar huma oriġinali u mhux kopja. Hu minnu li suppost hemm ukoll l-inkartament tas-seduti preċedenti. Il-kawża nbdiet fl-1988. Madankollu l-fatt li dak l-inkartament ma nstabx il-qorti, ma jfissirx li kien hemm proċess ieħor fil-pussess tal-Maġistrat Apap Bologna. Ir-Reġistratur xehed li skont ir-records tal-Qorti, il-Maġistrat kien ħa l-proċess fl-1 ta' Settembru 2003 (ara wkoll dokument ES1 a fol. 232). Pero` jekk il-Maġistrat ħa l-proċess fl-1 ta' Settembru 2003 u baqa' għandu, kif jinsinwa r-Reġistratur, kif hemm proċess li jibda bil-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 1999 u bil-paġna numru '1'? M'hemmx tweġiba għal dan u l-Qorti

mhux ser toqgħod tispekula li l-atti li jirreferu għall-perjodu ta' qabel is-26 ta' Mejju 1999 baqgħu għand il-Maġistrat.

v. Il-proċessi tal-kawżi jaqgħu taħt ir-responsabbilta` tar-Reġistratur u għandu d-dmir li jiżgura li dan ikun disponibbli għall-Qorti u l-partijet. L-arranġamenti u miżuri li hemm bżonn li jittieħdu f'dak ir-rigward huma r-responsabbilta` tiegħu. Dan apparti li l-Qorti tistenna li r-Reġistratur kellu jkun pro-attiv u mhux sempliċement joqgħod jistenna li l-partijiet jippreżentaw kopja ta' dak li seta' kellhom mill-atti.

50. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi mingħajr eżitazzjoni li l-appell tar-Reġistratur hu infondat.

Għaldaqstant, il-Qort tiddisponi mill-appell:-

1. Tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali billi tiċħdu bl-ispejjeż kollha kontrih.

2. Tar-rikorrenti billi tilqgħu biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq u:-

(i) Tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tillikwida l-kumpens dovut lilhom fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000), ammont li għandu

jitħallas mill-appellati skont il-proporzjon stabbilit mill-ewwel Qorti ċioe` 80% a karigu tal-Avukat tal-Istat u 20% a karigu tar-Reġistratur ġialadarba r-rikorrenti m'appellawx minn dik il-parti tas-sentenza.

(ii) Tordna li l-kawża 22/1988 **Rene Buttigieg proprio et nomine et v. Kristofru Schembri** terġa' tiġi appuntata għas-smigħ. Tpoġġi l-partijiet fl-istess pożizzjoni li kienu qabel il-kawża ġiet differita *sine die*. Tordna li minnufih l-atti ta' dik il-kawża jintbagħtu lill-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri tar-Raba' li għandu jappunta l-kawża għas-smigħ u jisma' l-istess bl-urġenza.

(iii) Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

(iv) Spejjeż ta' dan l-appell jinqasmu nofs bin-nofs ($^{1}/_{2}$) bejn ir-rikorrenti u l-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm